MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Numru. 30/2006

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**V**

**PETER PAUL PORTELLI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PETER PAUL** bin Peter u Evelyn nee Apap, imwieled nhar t-tletin ta'Marzu 1975 u residenti 'Cameo', Triq Piju Cellini, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 105391M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005 fl-inhawi maghrufa bhala Ta' Majsa, tal-Hanaq, Nadur, Ghawdex ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar:

1. Kiser l-bon ordni w il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

2. Talli fl-istess okkazzjoni ngurja u hedded bil-kliem lil Joseph Portelli minn Nadur;
3. Talli fl-istess okkazzjoni kellu f'idejh jew fuqu sikkina b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lil hati biex ma jimmolestax lil imsemmi Joseph Portelli.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Peter Paul Portelli, Evelyn Portelli, Yvonne Debono, Joseph Portelli, Anna Portelli, Carmen Vella, PS 261 Raymond Caruana, PC 1075 Joseph Micalelf, PS 73 Josef Camilleri u PS 567 Teddy Bajada u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi ma jirrizultawx ippruvati u ghalhekk **Il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd), 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ma issibx lil imputat PETER PAUL PORTELLI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputatzzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------